

Brussell, 25 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5667/23

AG 3
INST 4
PE 2
JAI 67
MIGR 31
ASIM 10
FREMP 13
RELEX 80
FRONT 23
VISA 17
CADREFIN 7

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 39 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 12.1.2023 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Artikolu 4: Daqshekk tortura u trattament inuman fil-fruntieri tal-Ewropa", skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 39 final.

Mehmuż: C(2023) 39 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.1.2023
C(2023) 39 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 12.1.2023

**dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata
“Artikolu 4: Daqshekk tortura u trattament inuman fil-fruntieri tal-Ewropa”, skont ir-
Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 12.1.2023

**dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata
“Artikolu 4: Daqshekk tortura u trattament inuman fil-fruntieri tal-Ewropa”, skont ir-
Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Novembru 2022 ġiet ippreżentata talba lill-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Artikolu 4: Daqshekk tortura u trattament inuman fil-fruntieri tal-Ewropa”.
- (2) L-għan ġenerali tal-inizjattiva kif espressa mill-organizzaturi huwa: “Fil-kuntest tas-setgħat tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà – kif stabbilit fl-Artikolu 78 TFUE dwar il-politiki relatati mal-kontrolli fil-fruntieri, l-ażil u l-immigrazzjoni – nappellaw għal regolamenti xierqa biex jiġi żgurat li l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiġi applikat b'mod effettiv u li l-użu tal-vjolenza, it-tortura u t-trattament inuman u degradanti jiġi pprojbit fil-fruntieri tal-UE u f'pajjiżi mhux tal-UE li l-istituzzjonijiet Ewropej jew Stat Membru wieħed jew aktar ikunu kkonkludew ftehimiet magħhom li jirrestrinġu d-dħul ta' migranti jew applikanti għall-ażil fl-Ewropa, kif ukoll fl-Istati Membri nfushom fil-ġestjoni tal-akkoljenza, b'sanzjonijiet imposti għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti.”
- (3) L-inizjattiva tinkludi anness li jipprovdi dettalji ulterjuri dwar is-suġġett, l-għanijiet u l-isfond tal-inizjattiva. L-organizzaturi jsostnu li, f'dawn l-aħħar snin, kien hemm żieda fil-vjolenza kontra l-migranti u rrapportata mill-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR), Amnesty International u Human Rights Watch. L-organizzaturi jħeġġu lill-Unjoni tuża s-setgħat tagħha biex ittemm dak l-allegat ksur tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari “1) mad-dħul fiż-żona Ewropea komuni, billi tirregola l-kontrolli fil-fruntieri u timponi sanzjonijiet fuq pajjiżi li jiksru apertament il-projbizzjoni fuq l-użu tal-vjolenza, it-tortura u t-trattament inuman u degradanti; 2) f'pajjiżi mhux tal-UE, fil-kuntest ta' operazzjonijiet għall-esternalizzazzjoni tal-fruntieri tal-UE, billi jiġu imposti sanzjonijiet fuq l-Istati Membri li jikkonkludu ftehimiet li ma jipprevedux il-monitoraġġ tal-konformità mal-

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

Artikolu 4; 3) fil-*ħolqien* tal-istandards ta' akkoljenza għall-perjodu kollu ta' residenza fl-UE, billi jiġu imposti sanzjonijiet fuq pajjiżi li l-awtoritajiet u/jew l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tagħhom jiksru d-drittijiet tal-migranti jew tal-applikanti għall-ażil”.

- (4) Jidher li l-oġġettiv ewlieni tal-inizjattiva huwa li jiġi stabbilit qafas għall-iżgurar tal-konformità mal-projbizzjoni tal-vjolenza u tat-trattamenti inumani u degradanti minqusa fl-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-politika tal-Unjoni dwar il-kontrolli fuq il-fruntiera, l-ażil u l-immigrazzjoni. Sa fejn l-inizjattiva ttipprova tilħaq dan l-għan fir-rigward tal-kontrolli fuq il-fruntiera, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ttipprezenta proposti għal atti legali abbażi tal-Artikolu 77(2) TFUE. Sa fejn l-inizjattiva ttipprova tilħaq dan l-għan fir-rigward tal-politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ttipprezenta proposti għal atti legali abbażi tal-Artikolu 78(2) TFUE. Sa fejn l-inizjattiva ttipprova tilħaq dan l-għan fir-rigward tal-politika komuni dwar l-immigrazzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ttipprezenta proposti għal atti legali abbażi tal-Artikolu 79(2) TFUE.
- (5) Għal dawn ir-raġunijiet, l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li ttipprezenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (6) Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inklużi l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunx issodisfati f'dan il-każ.
- (7) Il-grupp ta' organizzaturi pprova evidenza xierqa li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u nnomina l-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu ta' dak ir-Regolament. Inħolqot entità ġuridika speċifikament għall-fini tal-ġestjoni tal-inizjattiva.
- (8) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet minquxin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (9) Għalhekk jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata “Artikolu 4: Daqshekk tortura u trattament inuman fil-fruntieri tal-Ewropa” tiġi rreġistrata.
- (10) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati ma timplikax li l-Kummissjoni b'xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Artikolu 4: Daqshekk tortura u trattament inuman fil-fruntieri tal-Ewropa” għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Artikolu 4: Daqshekk tortura u trattament inuman fil-fruntieri tal-Ewropa", irrappreżentat mis-Sur Marco CIURCINA u s-Sa Maria Cristina FRANCESCONI bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, 12.1.2023

*Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Vice President*